**Ref: Seduta 01_06-07-09 VI**

## MINUTI TA' L-EWWEL SEDUTA

**L-ewwel seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet it-Tnejn **6 ta' Lulju, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves (Bobby) Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fil-17:40 b'din l-agenda:

1. Introduzzjoni
2. Aċċettazjoni tal-kariga tas-Sindku
3. Aċċettazzjoni tal-kariga tal-Viċi Sindku
4. Dekasteri lill-kunsilliera
5. Ftehim dwar il-kalendarju annwali tal-kunsill

**1. Introduzzjoni**

Il-kunsillier E. Cuschieri introduċa l-ewwel seduta bħala l-aktar kunsillier anzjan. Il-kunsillier E. Cuschieri qal li l-kunsill għandu jimxi bħala tim wieħed u ma jkunx hemm differenzi.

**2. Aċċettazzjoni tal-kariga tas-Sindku**

Il-kunsillier E. Cuschieri staqsa lill-kunsillier N. Dimech jaċċettax l-kariga ta' Sindku. Is-Sur Dimech aċċetta din il-kariga.